A.L. tal-2021

**ATT DWAR IR-REGOLAMENT TAL-BINI**

**(KAP. 513)**

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta’ Ħsara lil Proprjetà ta’ Terzi Persuni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6 tal-Att dwar ir-Regolament tal-Bini, il-Ministru responsabbli għall-Industrija tal-Bini, wara konsultazzjoni mal-Bord li Jirregola l-Bini, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu

L.S. 513.06

**1.** It-t-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta’ Ħsara lil Proprjetà ta’ Terzi Persuni, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Evitar ta’ Ħsara lil Proprjetà ta’ Terzi Persuni hawn iżjed ’il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

8A. (a) Meta, mill-inqas nofs is-sidien tal-proprjetajiet li jmissu immedjatament ma' u, jew imissu l-proprjetà fejn għandu jsir l-iżvilupp jiddeċiedu li jaħtru l-perit tal-għażla tagħhom biex jirrevedu r-rapporti dwar il-kundizzjoni u, jew id-dikjarazzjonijiet tal-metodu ppreparati f'isem l-iżviluppatur kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, il-perit maħtur huwa intitolat għal pagament li ma jaqbiżx il-ħames mitt euro flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud mill-iżviluppatur wara li jagħmel l-imsemmi perit talba għall-ħlas akkumpanjata mis-sejbiet relattivi lill-iżviluppatur.

(b) Meta l-proprjetà li jmiss immedjatament ma' u, jew tmiss il-proprjetà fejn għandu jsir l-iżvilupp tkun proprjetà ta' sid wieħed, is-sid jista' jiddeċiedi li jaħtar il-perit tal-għażla tiegħu biex jirrevedi r-rapporti tal-kundizzjoni u, jew id-dikjarazzjonijiet tal-metodu ppreparati f'isem l-iżviluppatur kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, f'liema każ, il-perit maħtur huwa intitolat għal ħlas li ma jaqbiżx il-ħames mitt euro (€500) flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud wara l-imsemmi perit jagħmel talba għall-ħlas akkumpanjata mis-sejbiet relattivi lill-iżviluppatur.

(ċ) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, proprjetà ta' parti terza koproprjetà titqies li hija proprjetà ta' sid wieħed;

(d) Il-perit maħtur ma jkunx ipprojbit milli jagħmel arranġamenti indipendenti mal-partijiet terzi li jaħtruh għal ħlasijiet addizzjonali soġġetti għal ftehim minn qabel.